



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 2.6.2006
KUMM(2006) 265 finali

2003/0058 (COD)

Proposta emendata għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

fuq imqabad ta' l-idejn għall-passiġġieri fuq vetturi bil-mutur b'żewġ roti

(Verżjoni kkodifikata)

(preżentat mill-Kummissjoni b'mod konformi ma' l-Artikolu 250 (2) tat-Trattat KE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. Fis-27 ta' Marzu 2003 il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tikkodifika id-Direttiva tal-Kunsill 93/32/KEE ta' l-14 ta' Ġunju 1993 fuq imqabad ta' l-idejn għall-passiġġieri fuq vetturi bil-mutur b'żewġ roti¹

Fil-opinjoni tiegħu tas-26 ta' Ġunju 2003 il-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-Servizzi Legali, mwaqqaf taħt il-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Diċembru 1994 fuq metodu ta' ħidma mgħaġġel għall-kodifikazzjoni uffiċjali ta' atti legiſlattivi², iddikjara illi l-proposta fuq imsemmija tabilħaqq tillimita ruħha għalsemplici kodifikazzjoni, mingħajr ebda tibdiliet sostanzjali għall-atti koperti minnha.

2. Fid-dawl tax-xogħol li diġà sar fil-Kunsill fuq il-proposta msemmija fil-punt 1, il-Kummissjoni ddeċidiet li tippreżenta – skond l-Artikolu 250(2) tat-Trattat KE-proposta emendata għall-kodifikazzjoni tad-Direttiva kkonċernata.

Din il-proposta emendata tqies ukoll l-emendi purament formali jew editorjali proposti mill-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-Servizzi Legali, fejn dawn huma kkunsidrati ġustifikati³. Din il-proposta tinkludi ukoll korrigenda għad-Direttiva 93/32/KEE⁴.

3. Meta mqabbla mal-proposta inizjali, l-emendi magħmula f'din il-proposta huma dawn li ġejjin:

L-ewwel premessa hi mibdula b'dan li ġej:

“Id-Direttiva tal-Kunsill 93/32/KEE ta' l-14 ta' Ġunju 1993, fuq imqabad ta' l-idejn għall-passiġġieri fuq vetturi bil-mutur b'żewġ* roti stabbiliet preskrizzjonijiet tekniċi dwar id-disinn u l-kostruzzjoni ta' vetturi bil-mutur b'żewġ* roti fir-rigward ta' mqabad ta' l-idejn għall-passiġġieri tagħhom. Dawn il-preskrizzjonijiet tekniċi kkonċernaw l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri sabiex jippermettu l-applikazzjoni tal-proċedura ta' l-approvazzjoni tat-tip KE prevista mid-Direttiva 2002/24/EC fir-rigward ta' kull tip ta' vettura. Id-Direttiva 93/32/KEE ġiet emendata b'mod sostanzjali** . Għal iktar ċarezza u razzjonalità, id-Direttiva msemmija għandha tiġi kkodifikata.”

It-tieni, it-tielet u r-raba' premessi huma mhassra.

Il-ħames premessa hi mibdula b'dan li ġej:

“Din id-Direttiva hija waħda mid-Direttivi separati li għandhom x'jaqsmu mas-sistema ta' l-approvazzjoni tat-tip KE prevista mid-Direttiva 2002/24/KE. Għalhekk, id-dispożizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva 2002/24/KE dwar sistemi tal-vetturi, komponenti u unitajiet tekniċi separati japplikaw għal din id-Direttiva.”

¹ KUMM(2003) 145 finali tas-27 ta' Marzu 2003.

² ĠU C 102, 4.4.1996, p. 2.

³ Opinjoni mibgħuta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, fit-30 ta' Ġunju 2003.

⁴ Il-korrigenda japplikaw biss għall-verżjonijiet bl-Ingliż, il-Finlandiż u l-Isvediż.

Il-sitt premessa hi mibdula b'dan li ġej:

“ Billi l-għan tal-miżura li ser tittieħed, jiġifieri l-għoti ta' approvazzjoni tat-tip KE ta' komponent fir-rigward ta' mqabad ta' l-idejn għall-passigieri fuq tip ta' vettura bil-mutur b'żewġ roti, ma jistax jintlaħaq biżżejjed mill-Istati Membri, u jista' għalhekk, minħabba l-iskala u l-impatt tal-miżura, jintlaħaq aħjar fuq livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri skond il-prinċipju tas-sussidarjetà, hekk kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex ikun jista' jintlaħaq dan l-għan.”

It-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 6 ġie miżjud, u jinqara kif ġej:

“Din għandha tapplika mill [...].

L-Anness I, punt 1.2, ir-raba sub-paragrafu: Il-korriġendum japplika biss għall-verżjoni Finlandiża.

L-Anness II, Parti B: Il-korriġendum japplika biss għall-verżjoni Ingliża u Svediża⁵.

4. Sabiex jiġi ffaċilitat il-qari u r-reviżjoni, it-test sħiħ tal-proposta emendata għall-kodifikazzjoni huwa hawnhekk mehmuż.

⁵ ĠU L 239, 9.7.2004, p. 36

Proposta emendata għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

fuq imqabad ta' l-idejn għall-passiġġieri fuq vetturi bil-mutur b'żewġ roti

(test b'rilevanza ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 95 tiegħu,

Wara li kkunsidraw id-Direttiva 2002/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Marzu 2002 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur b'żewġ roti jew bi tlieta u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 92/61/KEE⁶,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew⁷,

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat⁸,

Billi:



- (1) Id-Direttiva tal-Kunsill 93/32/KEE ta' l- 14 ta' Ġunju 1993, fuq imqabad ta' l-idejn għall-passiġġieri fuq vetturi bil-mutur b'żewġ roti⁹ stabbiliet preskrizzjonijiet tekniċi dwar id-disinn u l-konstruzzjoni ta' vetturi bil-mutur b'żewġ roti fir-rigward ta' mqabad ta' l-idejn għall-passiġġieri tagħhom. Dawn il-preskrizzjonijiet tekniċi kkonċernaw l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri sabiex jippermettu l-applikazzjoni tal-proċedura ta' l-approvazzjoni tat-tip KE prevista mid-Direttiva 2002/24/EC tat-18 ta' Marzu 2002 fir-rigward ta' kull tip ta' vettura. Id-Direttiva 93/32/KEE ġiet

⁶ ĠU L 124, 9.5.2002, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva tal-Kummissjoni 2005/30/KE (ĠU L 106, 27.4.2005, p. 17).

⁷ ĠU C [...], [...] p. [...].

⁸ ĠU C [...], [...] p. [...].

⁹ ĠU L 188, 29.7.1993, p. 28. Direttiva kif emendata mid- Direttiva tal-Kummissjoni 1999/24/KE (ĠU L 104, 21.4.1999, p. 16).

emendata b' mod sostanzjali¹⁰. Għal iktar ċarezza u razzjonalità, l-imsemmija Direttiva għandha tiġi kkodifikata.

↓ 93/32/KEE Premessa 4 (adattat)

- (2) ☒ Din id-Direttiva hija waħda mid-Direttivi separati li għandhom x'jaqsmu mas-sistema ta' l-approvazzjoni tat-tip KE prevista mid-Direttiva 2002/24/KE. Għalhekk, id-dispożizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva 2002/24/KE dwar sistemi tal-vetturi, il-komponenti u unitajiet tekniċi separati japplikaw għal din id-Direttiva. ☒
-

↓ 93/32/KEE Premessa 5 (adattat)

- (3) ☒ Billi l-għan tal-miżura li ser tittieħed, jiġifieri l-għoti ta' approvazzjoni tat-tip KE ta' komponent fir-rigward ta' mqabad ta' l-idejn għall-passiġieri fuq tip ta' vettura bil-mutur b'żewġ roti, ma jistax jintlaħaq mill-Istati Membri, u jista' għalhekk, minħabba l-iskala u l-impatt tal-miżura, jintlaħaq aħjar fuq livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri, skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà, hekk kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex ikun jista' jintlaħaq dan l-għan. ☒
-

↓

- (4) Din id-Direttiva għandha tkun bla ħsara għall-obbligi ta' l-Istati Membri rigward il-limiti ta' żmien għat-trasposizzjoni fil-liġi nazzjonali u l-applikazzjoni tad-Direttivi mniżżla fl-Anness II, Parti B,
-

↓ 93/32/KEE

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

↓ 93/32/KEE (adattat)

Artikolu 1

Din id-Direttiva għandha tapplika għal imqabad ta' l-idejn għall-passiġġieri ta' kull tip ta' vetturi bil-mutur b'żewġ roti kif definiti fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 2002/24/KE.

¹⁰ Vide l-Anness I, Parti A.

Artikolu 2


Il-proċedura għall-għoti ta' approvazzjoni tat-tip KE tal-komponent fir-rigward ta' mqabad ta' l-idejn għall-passiġġieri fuq tip ta' vettura bil-mutur b'żewġ roti u l-kondizzjonijiet li jirregolaw il-moviment ħieles ta' l-imsemmija vetturi għandhom ikunu kif stabbiliti fil-Kapitoli II u III tad-Direttiva 2002/24/KE.

Artikolu 3

☒ L-emendi ☒ meħtieġa biex ikunu adattati il-ħtiġijiet ta' l-Anness I ma' din id-Direttiva sabiex jitqies il-progress tekniku għandhom ikunu adottati skond il-proċedura ☒ msemmija fl-Artikolu [13 (3) tad-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE¹¹]. ☒

Artikolu 4

L-Istati Membri għandhom jgħaddu lill-Kummissjoni t-testi tad-disposizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-kamp kopert minn din id-Direttiva.



Artikolu 5

Id-Direttiva 93/32/KEE, kif emendata mid-Direttiva mniżżla fl-Anness II, Parti A, hi mħassra, bla ħsara għall-obbligi ta' l-Istati Membri rigward il-limiti ta' żmien għat-trasposizzjoni fil-liġi nazzjonali u l-applikazzjoni tad-Direttivi mniżżla fl-Anness II, Parti B.

Referenzi għad-Direttiva mħassra għandhom jinftiehm bħala referenzi għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw skond it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness III.

¹¹ ĠU L 42, 23.2.1970, p. 1.

Artikolu 6

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Din għandha tapplika mill [...]

↓ 93/32/KEE Art. 5

Artikolu 7

Din id-Direttiva hi ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, [...]

Għall-Parlament Ewropew
Il-President
[...]

Għall-Kunsill
Il-President
[...]

ANNEX I

1. ĦTIĠIET ĠENERALI

Fejn issir dispożizzjoni għall-ġarr ta' passiġġier, il-vettura għandha jkollha sistema ta' maqbad għall-idejn tal-passiġġier. Din għandha tiegħu l-forma ta' ċinga jew maqbad ta' l-idejn jew imqabad ta' l-idejn.

1.1. Iċ-ċinga

Iċ-ċinga għandha titwaħħal mal-magħqad jew ma' partijiet oħra imqabbda ma' l-istruttura b'tali mod li tkun tista' tintuża faċilment mill-passiġġier. Iċ-ċinga u kif tkun imwaħħla jridu jkunu ddisinjati b'tali mod li jkunu jifilħu, mingħajr ma jitqaċċtu, forza ta' ġbid vertikali ta' 2 000 N applikata statikament fiċ-ċentru tal-wiċċ taċ-ċinga bi pressjoni massima ta' 2 MPa.

1.2. Maqbad ta' l-idejn

Jekk jintuża maqbad għandu jkun qrib il-magħqad u simetriku għall-pjan medjan lonġitudinali tal-vettura.

Il-maqbad ta' l-idejn għandu jkun disinjat b'mod li jkun jiflaħ, mingħajr ma jinqata', forza vertikali ta' ġbid ta' 2 000 N applikata statikament fiċ-ċentru tal-wiċċ tal-maqbad ta' l-idejn bi pressjoni massima ta' 2 MPa.

Jekk żewġ imqabad ta' l-idejn ikunu użati, huma jridu jitwaħħlu wieħed kull naħa b'mod simmetriku

Dawn l-imqabad ta' l-idejn iridu jkunu ddisinjati b'mod li jkunu jifilħu, mingħajr ma jinqatgħu, forza vertikali ta' ġbid ta' 1 000 N, applikata waqt li (l-vettura) tkun wieqfa fiċ-ċentru tal-wiċċ tal-maqbad ta' l-idejn bi pressjoni massima ta' 1 MPa.

L-Appendiċi 1

Dokument ta' informazzjoni dwar imqabad ta' l-idejn għall-passiġġieri fuq tip ta' vettura bil-mutur b'żewġ roti

(biex titwaħħal ma' l-applikazzjoni għal approvazzjoni tat-tip KE tal-komponent jekk din tintbagħat separatament mill-applikazzjoni għal approvazzjoni tat-tip KE ta' vettura)

Nru ta' l-ordni (mogħti mill-applikant):

L-applikazzjoni għal approvazzjoni tat-tip KE tal-komponent dwar imqabad ta' l-idejn għall-passiġġieri fuq vettura bil-mutur b'żewġ roti jrid ikun fiha l-informazzjoni mniżżla taħt il-punti li ġejjin fl-Anness II tad-Direttiva 2002/24/KE:

- Il-Parti A, taqsimiet:
 - 0.1
 - 0.2
 - 0.4 sa 0.6;

↓ 1999/24/KE Art. 1

- Il-Parti B, taqsimiet:
 - minn 1.4 sa 1.4.2 inklużi.

Ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip tal-komponent dwar apparati ta' sigurtà għal passiġġieri fuq tip ta' vetturi bil-mutur b'żewġ roti

MUDELL

- Nru tar-rapport skond servizz tekniku. data
- Nru ta' approvazzjoni tat-tip tal-komponent: Nru ta' l-estensjoni:
1. Marka tad-ditta jew isem tal-vettura:
 2. Tip ta' vettura:
 3. L-isem u l-indirizz tal-manifattur:
 4. Isem u indirizz tar-rappreżentant tal-manifattur (jekk hemm):
 5. Data ta' meta l-vettura intbagħtet għat-test:
 6. Approvazzjoni tat-tip tal-komponent mogħtija/miċħuda ⁽¹⁾:
 7. Post:
 8. Data:
 9. Firma:

⁽¹⁾ Ħassar kif xieraq.



ANNEX II

Parti A

Direttiva mħassra flimkien ma' l-emendament tagħha (imsemmi fl-Artikolu 5)

Direttiva tal-Kunsill 93/32/KEE (ĠU L 188, 29.7.1993, p. 28)

Direttiva tal-Kummissjoni 1999/24/KE (ĠU L 104, 21.4.1999, p. 16)

Parti B

Lista tal-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali u l-applikazzjoni (imsemmi fl-Artikolu 5)

Direttiva	Limitu ta' żmien għat-traspożizzjoni	Data ta' applikazzjoni
93/32/KEE	L-14 ta' Diċembru 1994	L-14 ta' Ġunju 1995 ^(*)
1999/24/KE	Il-31 ta' Diċembru 1999	L-1 ta' Jannar 2000 ^(**)

(*) Skond it-tielet sub-paragrafu ta' l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 93/32/KEE:

“Mid-data msemmija fl-ewwel sub-paragrafu l-Istati Membri ma jistgħux, għal raġunijiet marbuta ma' l-imqabad ta' l-idejn għall-passiġġieri, jipprojbixxu d-dħul inizjali fis-servizz ta' vetturi li huma konformi ma' din id-Direttiva.”

(**) Skond l-Artikolu 2 tad-Direttiva 1999/24/KE:

“1. B'effett mill-1 ta' Jannar 2002, l-Istati Membri m'għandhomx, għal raġunijiet relatati ma' mqabad ta' l-idejn għall-passiġġieri:

- jirrifjutaw, fir-rigward ta' tip ta' vettura b'żewġ roti jew ta' tip ta' maqbad ta' l-idejn għall-passiġġieri, li jagħtu l-approvazzjoni tat-tip KE,
- jipprojbixxu r-reġistrazzjoni, il-bejgħ jew id-dħul fis-servizz ta' vetturi bil-mutur b'żewġ roti jew il-bejgħ jew id-dħul fis-servizz ta' mqabad ta' l-idejn għall-passiġġieri,

jekk l-imqabad ta' l-idejn għall-passiġġieri jkunu konformi mal-ħtiġiet tad-Direttiva tal-Kunsill 93/32/KEE, kif emendata b'din id-Direttiva.

2. B'effett mill-1 ta' Lulju 2000 l-Istati Membri għandhom jirrifjutaw li jagħtu l-approvazzjoni tat-tip KE għal kull tip ta' vettura bil-mutur b'żewġ roti għal raġunijiet relatati ma' l-imqabad ta' l-idejn għall-passiġġieri jew kull tip ta' mqabad ta' l-idejn għall-passiġġieri, jekk il-ħtiġiet tad-Direttiva 93/32/KEE, kif emendata minn din id-Direttiva, ma jkunux sodisfatti.”

ANNEX II

TABELLA TA' KORRELAZZJONI

Direttiva 93/32/KEE	Din id-Direttiva
Artikoli 1, 2 u 3	Artikoli 1, 2 u 3
Artikolu 4(1)	-
Artikolu 4(2)	Artikolu 4
-	Artikolu 5
-	Artikolu 6
Artikolu 5	Artikolu 7
Anness	Anness I
Appendiċi 1	Appendiċi 1
Appendiċi 2	Appendiċi 2
-	Anness II
-	Anness III